



**Kitba u Riċerka Jeremy Debono**
*B.A. (Hons.) History & Dip. A.R.M.*



Din is-sena jaħbtu diversi anniversarji importanti fl-istorja tal-Komunità Ġużeppina tar-Rabat tal-Imdina, li xieraq li jitfakkru.

## 1718 – 300 sena mill-għoti tal-lampier tal-fidda mill-Kan. Kap. Mons. Adriano Gourgion

Nhar it-3 ta' April 1718 fil-konsulta ġenerali li saret fl-Oratorju ta' San Ġużepp, il-fratelli b'mod unanimu u mingħajr ħadd ma kien kuntrarju ħatru biex imexxi l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp bħala Rettur lill-Kanonku Kapitulari Mons. Adriano Gourgion.[1] Mons. Gourgion kien gradwat fil-Liġi Ċivili kif ukoll f'dik Kanonika, Kanonku tal-Katidral ta' Malta, Eżaminatur Sinodali, Kon-Viżitatur bejn l-1730 u l-1746, Vigarju Ġenerali tal-Isqof Paolo Alphéran de Bussan, u fl-1741 u fl-1746 kien logutenent tiegħu waqt li hu kien waqt żjara fis-Santa Sede, kien ukoll Protonotorju Appostoliku u saċerdot mimli biż-żelu għad-Djoċesi ta' Malta.[2] Miet nhar l-24 ta' Awwissu 1761.[3]



L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp kellha x-xorti li tkun immexxija minn dan is-Saċerdot mill-aktar illustri, bejn it-3 ta' April 1718 u l-14 ta' April 1720, kif ukoll bejn is-7 ta' April 1726 u l-25 ta' April 1728. Wara għamel sentejn oħra bħala Prim Assistent Rettur bejn il-25 ta' April 1728 u l-14 ta' April 1731. Tifkira sabiħa li ħallielna dan il-Monsinjur huwa Lampier tal-fidda. Dan kien l-ewwel lampier tal-fidda li kellha l-Arċikonfraternità tagħna.








Għandu forma ta' ġummiena għoli 40 ċm u għandu ċirkonferenza ta' 92 ċm, mżejjen bil-weraq tal-akantus mad-dawra kollha u mdendel minn tliet ktajjen li huma miżmuma minn puttini żgħar. Għandu tliet skudetti, wieħed bix-xbieha ta' San Ġużepp u l-Bambin, l-ieħor bl-arma ta' Mons. Gourgion u l-aħħar wieħed bl-iskrizzjoni li tgħid **Ex Mvnificentia / Can^ci^ Adriani / Govrgion / anno D^ni^ 1718.** Bil-Malti tfisser bil-ġenerożità tal-Kanonku Adriano Gourgion fis-sena tal-Mulej 1718. Sfortunatament ma għandux boll tal-arġentier li ħadmu għalkemm fis-seklu 19 kien restawrat mill-arġentier Saverio Cannataci.[4]

## 1818 – 200 sena mill-mewt tar-Rettur Lorenzo Bugeja

Lorenzo Bugeja kien mir-Rabat u twieled fl-1743. (275 sena ilu!) Kien joqgħod fi Strada dei Doni. Fid-29 ta' Marzu 1761 ipprofessa bħala Fratell fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Bejn l-1794 u l-1804 kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-Arċikonfraternità.

Lorenzo Bugeja kellu sehem importanti fil-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi kif ukoll fi żmien l-Imblokk. Fl-4 ta' Settembru 1798 ir-rappreżentanti tal-poplu Malti; in-Nutar Emanuele Vitale, il-Konti Ferdinando Theuma Castelletti u l-Markiz Vincenzo de Piro, miġbura fis-sala tal-*Banca Giuratale* fl-Imdina ħatru lil Lorenzo Bugeja bħala Segretarju tal-Assemblea Nazzjonali tal-Maltin. L-għada fil-5 ta' Settembru 1798 l-istess rappreżentanti ħatru lill-istess Bugeja bħala *Turcopiliere,* u inkarigawh biex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa fis-swar tal-Imdina, iżur il-fortifikazzjonijiet tal-kampanja kollha, jirranġa l-ħabsijiet, jara li jinqabdu id-delikwenti u l-priġunieri kif ukoll bħala Skrivan Ġenerali *di meter in ordine il battalione e da quelli distribuir il pane.*

Fil-15 ta' Novembru 1798 ġie maħtur bħala gwardjan tal-port ta' San Pawl il-Baħar. F'dokument bil-firma tan-Nutar Emanuele Vitale bid-data tal-1 ta' Marzu 1799, insibu li fl-ewwel jiem tal-irvell kienu saru l-iskrataċ bil-porvli fid-dar ta' Lorenzo Bugeja u li kien ġie inkarigat biex iġib il-qamħ minn Għawdex, u ġab l-istess qamħ meta kien għad hawn l-Imblokk tal-Franċiżi, billi ma kinux għadhom waslu l-Portugiżi biex jimblukkaw lill-Franċiżi. Hu kien mar darbtejn oħra billejl lejn Għawdex biex iġib il-qamħ anki fix-xitwa. Attestazzjoni bid-data tat-18 ta' Settembru 1800, u bil-firma tat-tliet Ġurati tal-Università tal-Imdina; il-Baruni Galea, il-Konti Barbara u Dr. Giuseppe Bonnici, tgħid li s-Sur Lorenzo Bugeja tar-Rabat tal-Imdina fil-bidu ta' Jannar 1800 kien ġie inkarigat *ad assistere nel discarico di tutti i grani che capitavano nella spiaggia del Puales per conto del Università ed a farne quindi la rispettiva distribuzione a tutti i casali della campagnia.* Lorenzo Bugeja ġie mfaħħar għall-mod li bih qeda dmiru *con molto corretezza avendo sempre eseguito la commissione con grande nostra sodisfazione e del publico.* Hu ħalla deskrizzjoni dettaljata bil-miktub ta' dak li ġara fl-ewwel jiem tar-rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi, f'manuskritt li llum jinsab fil-Bibjoteka Nazzjonali ta' Malta.[5]

Fl-elezzjoni tal-uffiċjali tal-Arċikonfraternità li saret fl-4 ta' April 1815, Bugeja ġie maħtur Rettur tal-istess Arċikonfraternità kariga li baqa' fiha sakemm miet nhar is-7 ta' Frar ta' 200 sena ilu, fl-età ta' 75 sena fost in-niket ta' kulħadd, speċjalment għall-fratelli ta' San Ġużepp li tagħhom kien Rettur u Benefattur. L-għada 8 ta' Frar il-katavru tiegħu kien trasportat mill-Belt Valletta fejn miet fid-dar tal-kunjatu tiegħu għall-knisja ta' Santa Marija ta' Doni fir-Rabat u minn hemm kien meħud proċessjonalment għall-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, akkumpanjat mill-Kleru kollu tar-Rabat u mill-Fratelli ta' San Ġużepp u mill-Fratelli tal-Fratellanzi mwaqqfa fil-knejjes tal-Patrijiet li kull wieħed minnhom żamm tarf mill-faldrappa li biha kien mgħotti t-tebut, billi r-Rettur tar-Rużarjanti ma aċċettax, ħadu sehem ir-Rettur tal-Fratellanza ta' Sant'Anton Abbati u ta' San Franġisk fuq quddiem u l-Prim u s-Sekond Assistent Rettur tal-Arċikonfraternità, fuq wara. Fuq it-tebut tqiegħed il-midaljun tar-rettur fuq il-muzzetta kaħla mgħottijin b'mustaxija sewda sinjal ta' luttu. Fil-knisja t-tebut tqiegħed f'nofs il-korsija fuq bradella mdawwar bix-xemgħa, il-knisja kienet ukoll armata ukoll bid-damask iswed u qaddes quddiesa kantata solenni r-Rettur tal-Grotta ta' San Pawl Fra Ludovico Savoye assistit minn żewġ Kolleġġjali anzjani.

L-ispejjeż tal-funeral tħallsu kollha mill-Fratelli. Imbagħad ġie midfun fil-qabar tiegħu fil-knisja Ta' Ġieżu ħdejn it-tieni stazzjon tal-Via Sagra. Tmint ijiem wara fl-Oratorju, armat bit-tapezzerija sewda, bit-tubru fin-nofs imdawwar bix-xemgħat u t-torċi tkanta l-uffiċċju tal-mejtin b'sufraġju għar-ruħ Lorenzo Bugeja, fost il-biki u d-dispjaċir tal-fratelli li ħafna minnhom li ma kinux jafu jaqraw kienu hemm bil-kuruna f'idejhom jgħidu r-Rużarju għall-ruħ Bugeja.[6]



**1918- il-festa ta' San Ġużepp lura nhar id-19 ta' Marzu bħala Festa Kmandata għall-Knisja Universali.**

Minkejja li fl-1918 il-festa ta' San Ġużepp reġgħet saret Festa ta' praċett għad-Dinja Kattolika kollha xorta kien għad hemm id-dell ikrah u iswed tal-Ewwel Gwerra Dinjija li kienet ilha għaddejja mill-1914 u li kienet riesqa lejn tmiemha. Minħabba f'hekk fit-3 ta' Frar issejħet Konsulta Ġenerali biex tiddeċiedi kif kellha tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp. Fetaħ il-Konsulta li għaliha attendew bosta Fratelli, is-Segretarju Dun Giovanni Vella, li spjega li minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti li kienu marru għall-agħar mis-sena ta' qabel. Iżda kien ikun ta' ħasra kbira li ma tiġix issolennizzata l-Festa ta' San Ġużepp, speċjalment f'dik is-sena li San Ġużepp kien onorat bl-isbaħ kuruna mill-Papa renjanti Benedittu XV li reġa' għamel il-festa tiegħu waħda Kmandata għall-Knisja Universali kollha, bir-rit Prima Klassi bħalma kien għamilha l-Papa Piju IX. Għalhekk kompla bl-appell tiegħu s-Segretarju kien jeħtieġ li l-fratelli jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex il-Festa tiġi ċċelebrata kif xieraq b'solennità skont iċ-ċirkostanzi preżenti. Għalhekk il-Fratelli preżenti ddeċidew li l-festa tiġi ċċelebrata bħas-sena ta' qabel.

Il-Gwerra ma kinetx l-uniku kwistjoni li kellhom xi jħabbtu wiċċhom magħha l-fratelli qabel il-festa, għaliex sa dakinhar Mro. Riccardo Bugeja ma kienx għad kellu mużika sagra approvata skont il-*Motu Proprio*. Il-Kappella Bugeja kienet ilha aktar minn 100 sena (b'xi interruzzjonijiet żgħar) tieħu ħsieb il-mużika sagra fil-festa ta' San Ġużepp, iżda issa mingħajr l-approvazzjoni skont il-Motu Proprio ma setax jieħu sehem fil-festa għalhekk kien deċiż li l-prokuraturi jmorru jkellmu lis-Surmast Bugeja u jekk ma jkollux il-mużika approvata jidderieġi floku Mro Emanuele Bartoli, li dak iż-żmien kien surmast direttur tal-Banda L'Isle Adam. Fl-istess konsulta kienu wkoll aċċetati tliet skrizzjonijiet ġodda biex jitqiegħdu mal-faċċata tal-knisja, imħejjijin mil-Latinista Mons. Luigi Farrugia, wara li talbu s-Segretarju Dun Giovanni Vella. Dawn kienu jgħidu hekk:



Decimum Hodie Completum Lustrum / Ex Quo Universo Laetante Orbe / Pius IX Pont. Max. / Catholien Ecclesiae / Implorum Insidiis Laborantis / Caelestem Patronum Constituit / Josephum

Sanctum / Mariae Virum Castissimum / Jesu Christi Dei Custodem / Solemniis Adeste Omni Ex Ordine Cives / Quae Josephianum Sodalitium / Disturno Tempore Amplissimis Honoribus / Sacris Muneribus Longe Insigne / Magno Apparatu Indicit / Adstantibus Antistite Et Canonisic Melitensibus / Iosephum Quo Nullus Maior / Supplici Prece Adite / Nemo Eum In Cassa Vota Vocavit.[7]

It-tnejn iż-żgħar:

I / JOSEPH Dei Parentis Coniux Castissime / Quod Dies Tibi Sacer / Solemnior Ritv Novoque Splendore / Toto Colatur Orbe / Festiva Fermit Laetitia / Catholicus Populus / Praesidio Tuo Coelitus Commissus / Utque Rebus In Arctis / Ei Dexter Adsis /Uno Ore Precatur[8]

II / Benedicto XV / Sapientia Virture Rebusque Gestis / Petrianam Sedem / Novo Gloria Illustranti / Qut Religione Motus / Erga Pueri Dei Nutricium / Diem Hunc Optatissimum / A Servilibus Operibus Immunem / Latante Orbe Servandum Decrevit / Josephianum Sodalitium

Plavdit Et Grates Rependit [9]

Iżda issa ejja nħallu lil *Devot* jgħidilna kif kellu jkun il-programm tal-festa 100 sena ilu! Dan il-korrispondent tal-ġurnal Malta Tagħna[10] jagħtina stampa ċara tas-sentiment tal-fratelli fis-sitwazzjoni li kienu fiha; *Il-qalb tal-konfratelli u tad-devoti ta' dan il-kbir Patrijarka tinsab maqsuma bil-ferħ din is-sena, li għall-ewwel darba mad-Dinja kollha, il-festa tiegħu ser tkun ikkmandata u mgħollija fil-grad ta' Prima Klassi mill-kbar, għalhekk jixtiequ li jissolenizzaw bl-akbar pompa possibbli imma bid-dmugħ f'għajnejhom u b'dulur ta' qalbhom dan ma jistgħux jagħmluh minħabba fiċ-ċirkostanzi li tinsab fihom id-dinja.*

Bħas-soltu l-festa bdiet bit-tridu solenni li fih ipprietka l-Patri Lett. Ġorġ Scerri OFM u l-mużika kienet tal-Organista tal-Katidral Mro. Lorenzo Gatt. *Fl-aħħar jum tat-Tridu saret Kommunjoni Ġenerali b'ringrazzjament lil Alla tal-Grazzja li rajna lill-Patrun tal-Knisja mgħolli f'dan l-unur u biex mingħand dan il-Patrijarka naqilgħu l-paċi tant mixtieqa għaliex hu jista' wisq quddiem Ibnu Ġesù. Fl-istess ġurnata wara l-funzjoni tal-knisja jiġi ppreżentat stendart sabiħ lill-Banda L'Isle Adam u bandalora tifkira ta' kulma għamlu l-Papiet Piju X u Beneditttu XV, għal dan il-jum min fejn titla x-xemx sa fejn tinżel. Imbagħad issir it-transulazzjoni tal-istatwa monumentali tal-Papa Piju IX.*

Kien fit-2 ta' Lulju 1916 li s-Sur Tomaso Bugeja offra li jħallas bandalora ġdida bl-arma tas-Soċjetà L'Isle Adam, il-Kumitat aċċetta din l-offerta u qabbad is-Sur Beniamino Tonna biex iħejji d-disinn kemm tal-Bandalora kif ukoll tal-kruċetta tal-


Add. 10 Marzo 1918 ricevo dal Signor Giuseppe Zahra Cassiere del Circolo Musicale L'Isle Adam della Notabile la somma di Lire sterline diciotto e mezza per una Banderuola ricamata in oro e seta.
Ricevuto £18.10.0
Istituto del Buon Pastore Casal Balzan
Sr. Maria di St. Celestine Superiora
MALTA
6 DC 13/4/18

metall. Il-Bandalora nħadmet fl-Istitut tal-Bon Pastur ġewwa Ħal Balzan u qamet is-somma ta' £18.10s.0d.,

filwaqt li l-kruċetta swiet £3.[11] Il-preżentazzjoni ta' din il-Bandalora saret nhar is-17 ta' Marzu 1918 hekk kif intemmet il-Funzjoni tal-Aħħar Tridu u qabel il-Banda L'Isle Adam bdiet il-Marċ tagħha, min-Nobbli Igino de Piro d' Amico. Imbagħad l-għada lejliet il-festa kien ippreżentat standart ġdid ta' lewn aħdar lill-Banda L'Isle Adam regalat mill-Ammiraturi quddiem il-Knisja ta' Ġieżu fir-Rabat qabel il-Banda bdiet il-Marċ ta' lejliet il-Festa, mis-Sur Tomaso Vella.



*Imbagħad filgħaxija għall-ħabta tal-5.00 pm saret it-transulazzjoni tar-relikwa ta' San Ġużepp*

*immexxija mill-Provinċjal il-ġdid tal-Patrijiet MinuriPatri Emanuele Formosa il-mużika tal-festa kollha tkun ġdida strettament skont il-Moto Proprio tal-imfaħħar Professur Bartoli, ġawhra fl-arti mużikali.*



Għall-Pontifikal il-Fratelli ħasbu li għal din is-sena speċjali jiġi mistieden Mons. Isqof Dom Mauro Caruana. Għalhekk f'wieħed mill-jiem tal-udjenza marru l-Palazz tal-Isqof ir-Rettur il-Kan. Vinċens Vella u l-assistenti tiegħu n-Nutar Paolo Vassallo u Dun Onorato Camilleri biex jistiednu lill-Mons. Isqof flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral. L-Isqof aċċetta bil-ferħ din l-istedina. Għalhekk nhar id-19 ta' Marzu 1918, bħas-soltu l-Isqof akkumpanjat mill-Kapitlu u l-Kleru telqu proċessjonalment mill-Katidral lejn il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Kif daħlu fil-knisja baqgħu deħlin fl-Oratorju ta' San Ġużepp imbagħad wara li nvistaw lis-Ssmu Sagrament, ingħata bidu għall-kant tat-Terza skont iċ-ċerimonjal Episkopali fejn intuzaw il-pultruni tal-ġilda tal-Kanonċi u bil-bankijiet quddiemhom mgħottija bil-ħarir aħdar kif jintużaw fil-Katidral. Kif spiċċa l-kant tat-Terza l-Isqof liebes l-ilbies pontifikali akkumpanjat mill-Monsinjuri lebsin ukoll bl-abiti sagri u l-mitri ħallew l-Oratorju u mxew proċessjonalment sal-Artal Maġġur, fejn din is-sena wara talba li saret mill-Provinċjal Patri Emmanuele Formosa l-Kapitlu qagħad fuq il-presbiterju u mhux f'nofs il-knisja bħal qabel. Għamel il-paniġierku Patri Pawl Kappuċċin li kien il-Kwareżimalista tal-Knisja Katidrali, u fi tmiem il-prietka Mons. Isqof ta l-Barka Papali bir-rebħ tal-Indulġenzi.[12] Tifkira ta' dan il-pontifikal storiku li sar 100 sena ilu huma par impulluzzi mill-isbaħ li kien irregala b'tifkira minn Dun Santo de Piro. Dawn l-impulluzzi tal-ħġieġ huma miksija b'xogħol sabiħ tal-fidda bis-simboli Ewkaristiċi u kull wieħed għandu skrizzjoni differenti, waħda tgħid MEMORIA DEL PONTIFICATO DI MGR. MAURO CARUANA OSB NELL ANNO 1918 u l-oħra DONO DEL NOB. D. SANTO DEI MARCHESI DEPIRO.[13] Wara



nofsinhar sar paniġierku ieħor minn Patri Santo Camilleri OFMconv. Biex imexxi l-purċissjoni ġie mistieden l-Isqof Mons. Angelo Portelli O.P. li aċċetta bil-pjaċir kollu, iżda fil-ħin li kienet ħa tibda ħierġa l-purċissjoni għamlet ix-xita u għalhekk saret ir-repożizzjoni tar-relikwija minn fuq l-artal maġġur għall-artal tal-Oratorju u fl-aħħar biex jagħlaq il-festa Mons. Portelli ta l-Banka Sagramentali.[14]

Tifkira oħra ta' din is-sena huwa l-kwadru tal-Papa Benedittu: *b'tifkira ta' dawn il-ġrajjiet Dun Vinċens għamel kwadru kbir bħala tifkira li qatt ma tintesa tal-Papa Benedittu XV fl-Oratorju ta' San Ġużepp, bi skrizzjoni bil-Latin taħtu magħmulha minn Dun Ġużepp[sic] Farrugia tal-Imdina, li tfakkar lil dan il-Papa.*[15] Illum dan il-kwadru jinsabu fis-sagristija.




### 80 sena Bandalori VII Kelmiet

Fost il-bosta opri artistiċi li bihom hija mżejna l-eqdem purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'pajjiżna nsibu l-bandalori hekk imsejħa tas-Seba' Kelmiet. Dawn il-bandalori jirrappreżentaw l-aħħar sentenzi li lissen Sidna Ġesù Kristu fl-agunija tiegħu fuq is-Salib. Għalkemm dawn is-sentenzi huma popolarment magħrufin bħala s-seba' kelmiet fil-purċissjoni tar-Rabat insibu 8 bandalori, dan għaliex l-ewwel bandalori hija waħda mill-profeziji ta' Isaija li tibda bil-kliem Fomm il-Mulej tkellem

u għalhekk hija introduzzjoni għall-bandalori l-oħra li fihom hemm kliem il-Mulej Ġesù. Din hija bandalora unika u tinsab biss ir-Rabat. Dawn il-bandalori kienu introdotti fil-purċissjoni mill-Prokuratur il-Baruni Giuseppe de Piro Gourgion, li mexxa l-*Procura della Settimana Santa* bejn l-1880 u l-1916 meta miet. Iżda dak iż-żmien dawn il-bandalori kienu tal-injam. Kien ukoll il-Baruni Gourgion li ntroduċa bandalora oħra unika li nsibuha biss ir-Rabat dik magħrufa bħala s-Sentenza.




Din tfakkar is-sentenza ta' Pilatu li biha kkundanna lil Ġesù Kristu għall-mewt tas-Salib, meħudha mill-vanġelu ta' San Mark *PILATVS / VOLENS / POPVLO SATISFACERE / TRADIDIT / JESVM / FLAGELLIS CEASVM / VT / CRVCIFIGERETVR / MARC. C. XV, V.15/ ECCE PERVERSVM JVDICVM / QVO JVDICATVR/ INNOCENS MORI / NON SECVNDNM REI/ VERITATEM/ SED INIMICORVM PETITIONEM.* Li bil-Malti tfisser Pilatu biex jogħġob lin-nies tahom lil Ġesù, wara li tah is-swat, biex isallbuh. Mark, kap. 15 v. 15. Araw il-ġudizzju pervers fejn l-innoċenti jmut ikkundannat mhux skont il-verita imma skont ix-xewqa tal-għedewwa. Dan is-sett ta' disa' bandalori inħadem fuq id-disinn tas-Surmast Carmelo Tonna li tħallas £3.4s. il-ħjata u x-xogħol tar-rakkmu sar mis-Sinjorina Carmelina Azzopardi li tħallset £19. Id-drapp tal-ħarir vjola kien sewa £1.11s.3d, il-gallun sewa £1.0s.8d., il-ħarir vjola 12s.5d., u lazz isfar 11s. Il-pumi u l-lanez inħadmu fl-injam mill-iskultur Benjamin Tonna missier Carmelo li tħallas £1.7s. wara ġew indurati mill-Induratur Ġużeppi Farrugia li tħallas £4.[16] Fuq dawn il-bandalori nsibu rrakmati l-aħħar sentenzi bil-Latin li qal Sidna Ġesù Kristu minn fuq is-salib kif ukoll huma akkumpanjati b'simboli relatati mal-Passjoni u wħud minnhom huma relatati mal-istess sentenza kif jidher hawn:

I. PATER / DIMITTE ILLIS / NON ENIM SCIUNT / QUID FACIUNT. "Missier aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu". Luqa XXIII.34. Simbolu: Ċipress.

II. HODIE / MECUM ERIS / IN / PARADISO. "Illum stess tkun il-ġenna miegħi". Luqa XXIII.43. Simbolu: Kuruna b'żewġ friegħi tal-palm.

III. ECCE / FILIUS TUUS / ECCE / MATER TUA. "Mara, hawn hu ibnek, hawn hi Ommok". Ġwanni XIX.27. Simbolu: 12-il kewkba u xettru.

IV. SITIO. "Għandi l-għatx". Ġwanni XIX. 28. Simbolu: Qasba u Sponża.

V. DEUS MEUS / DEUS MEUS / UT QUID / DERELIQUISTI / ME "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex abbandunajtni?". Mattew XXVII.46. Simbolu: Kuruna tax-xewk u qasba.

VI. CONSUMMATUM / EST "Kollox mitmum". Ġwanni XIX.30. Simbolu: fergħa taċ-ċipress u oħra tar-rand.

VII. PATER / IN MANUS TUAS / COMMENDO / SPIRITUM / MEUM. "Missier f'idejk nerħi r-ruħ minn tiegħi". Luqa XXIII.46. Simbolu: Xewk u *flagrum*.

### Carmelina Barbara née Azzopardi 1907 – 2001.

Karmelina Azzopardi, li rrakkmat il-bandalori tas-Seba' Kelmiet, twieldet il-Ħamrun fit-8 ta' Novembru 1907 u ta' 12-il sena tilfet 'l ommha. Missierha reġa' żżewweġ u hi u żewġ ħutha subien iżgħar minnha spiċċaw fl-istituti. Lilha daħħluha *border* fl-Istitut ta' Cini. Tgħallmet ir-rakkmu mas-Sorijiet tal-istess Istitut kif ukoll mas-Sorijiet il-Bojod tal-Kardinal Lavigerie ta' Franza. Meta kellha 23 sena għamlet ħbieb ma soru Maltija li kienet mas-Sorijiet il-Bojod ta' Franza, li ħajritha biex tidħol magħhom u Karmelin siefret għal Marsilja biex tagħmel in-novizzjat. Imbagħad kompliet tispeċjalizza fix-xogħol tar-rakkmu u meta bagħtuha taħdem Tuneż mat-tfal Għarab xogħolha kien li tgħallem ir-rakkmu.



Wara tliet snin u nofs ħasset li għandha toħroġ mill-Kunvent u ġiet tgħix ir-Rabat man-nanna tagħha. Hawn kienet ukoll tgħallem ir-rakkmu fi skola li kellha Mrs. Cecilia De Trafford, fi Triq Inguanez, ir-Rabat, kif ukoll fir-Rabat, Għawdex. Fl-1934 ħadmet il-bandalora tal-għeluq il-75 sena mit-twaqqif tal-Banda L'Isle Adam.

Wara dan ix-xogħol il-prokuraturi tal-Ġimgħa l-Kbira, Ninu Barbara u Benjamin Genovese qabbduha biex tirrakkma l-bandalori tas-Seba' Kelmiet li joħorgu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ix-xogħol ta' dawn il-bandalori sar fil-kappella ta' San Bastjan fir-Rabat. Meta bdiet ix-xogħol kellha kwistjoni mal-Prokura għaliex wara li sar ftehim fuq il-ħlas tax-xogħol, għola l-prezz tal-ħarir minħabba l-invażjoni tal-Abbissinja u deherilhom li għandhom jibqgħu bil-prezz miftiehem. Hi u l-Prokura daħħlu l-avukati imma fuq il-parir tal-Avukat Edgar Grima ftiehmu barra mill-qorti. Ftit snin wara ħa grazzja magħha Ninu Barbara u tgħarrasha u żżewigħa f'Awwissu 1942. Hi baqgħet bix-xogħol tar-rakkmu sakemm iżżewġet u meta kibret kienet tgħaddi ż-żmien taħdem il-*cross stitch* bil-ħarir flok bis-suf. Ninu Barbara miet ta' 59 sena fis-27 ta' Ottubru 1969. Karmelin mietet ta' 93 sena fis-17 ta' Marzu 2001.[17]


**Referenzi**

[1] Arkivju Arċikonfraternità ta' San Ġużepp Rabat, *Libro degli Officiali 1718*, 1

[2] Bibjoteka Nazzjonali ta' Malta, *Libr. 1142*, no 851.

[3] A.A.S.Ġ.R., *Conti del Venerando Altare di San Giuseppe dall' anno 1756 all'anno 1763*.

[4] Ibid. Dr. Jimmy Farrugia, *Descriptive list of the Silver Artefacts belonging to the Arch Confraternity of St. Jospeh, 1995*, no. 99

[5] Casha, Anthony, *In-Nutar Emmanuele Vitale*, (Malta Vexillina, 1998), p.

[6] A.A.S.Ġ.R., *Libro Consulte C*, 118-9.

[7] Ibid. Libro Consulte F, Hekk kif intemm id-deċenju d-Dinja kollha ferħet kif il-Papa Piju IX fittex għall-Knisja Kattolika l-ħarsien, fi żmien diffiċli, u ħatar b'Patrun Ċelesti lill-Imqaddes ĠUŻEPPI r-Raġel Kastissmu ta' Marija l-Kustodju ta' Ġesù Kristu Alla solennament ejjew ċittadini ta' kull klassi ngħaqdu ma' din l-Arċikonfraternità Ġużeppina hi u tonorah u tagħtih ġieħ l-aktar kbir bir-Riti Mqaddsa straordinarji wara stennija u tħejjijiet kbar flimkien mal-Isqof u l-Kapitlu ta' Malta lil Ġużeppi li ħadd mhu ikbar minnu jitolbuh, għax ħadd ma talbu u baqa' mhux mismugħ(b'kaxxa vojta).

[8] ĠUŻEPPI Għarus Kastissimu t'Omm Alla dan il-jum għalik imqaddes bl-isplendur tar-Riti l-Ġodda d-Dinja kollha tqimek b'għajjat ta' ferħ f'din il-Festa l-Poplu Kattoliku jsejjaħ il-ħarsien tiegħek mis-sema u wassal din it-talba għand Ibnek minnufih u agħtih li jixtieq.

[9] Benedittu XV bil-virtù tal-għerf wettaq minn fuq it-tron ta' Pietru dawwal bi glorja ġdida mqanqal mid-devozzjoni lejn Dak li għajjex i-Iben t'Alla dan il-jum mixtieq mill-obbligu tax-xogħol meħlus id-dinja kollha ferħet b'dan l-Arċikonfraternità Ġużeppina tapprova u rikonoxxenti (din il-kitba) tqiegħed.

[10] Malta Tagħna, 16 ta' Marzu 1918.

[11] Arkivju Għaqda Mużikali L'Isle Adam, *Libro Esito, Introito e Deposito Tenuuto dal Cassiere 1917 – 1932*.

[12] A.A.S.Ġ.R., *Libro Consulte F*,

[13] Ibid., Farrugia 1995, no. 18.

[14] Ibid., *Libro Consulte F*,

[15] Malta Tagħna 16 ta' Marzu 1918 p 3. L-isem propja tal-awtur tal-iskrizzjoni huwa Luigi mhux Ġużeppi L-iskrizzjoni tgħid hekk: EFFIĢEM. HANC. BENDICTI. PAPÆ. X.V. / QVI. FESTVM. S. JOSEPHI. DIE. XIX. MARTII. / IN ORBE CATHOLICO. / AN[NO]. DOM[INI]. MCMXVII/ DE PRÆCEPTO./ DECREVIT./ ARCHISODALITIO. EJVSDEM. HIC. ERECTO. / CANONICVS. VINCEN. VELLA. / IPSIVS INDEFESSUS. RECTOR/ AD PERPETVAM REI MEMORIAM / A[NNO]. D[OMINI]. MCMXVIII. DONAVIT. Li bil-Malti tfisser: Din hija x-xbieha tal-Papa Benedittu XI li fis-sena tal-Mulej 1917 għamel il-festa ta' San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu Kmandata għad-Dinja Kattolika kollha. L-Arċikonfraternità [ta' San Ġużepp] hawn imwaqqfa mmexxija mill-ħabrieki Kan. Vincenso Vella Rettur tagħha b'tifkira dejjiema fis-sena tal-Mulej 1918 jirregala.

[16] A.A.S.Ġ.R., *Ktieb tal-Ġimgħa l-kbira 1928-72* f.24.

[17] Ħajr lil Dun Joseph Barbara MSSP, iben Karmelina tal-informazzjoni.